

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll dan li ġej:

- Il-President u l-Viċi President ma humiex assenjati b'mod permanenti lil Awla;
- Matul kull sena ġudizzjarja, il-Viċi President għandu jippresjedi f'kull waħda mill-Awli komposti minn ħames Imħallfin, u dan f'kawża għal kull awla skont l-ordni li ġej:
- L-ewwel kawża li tintbagħat, b'deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, quddiem kulleġġ ġudikanti estiż kompost minn ħames Imħallfin tal-Ewwel Awla, tat-Tieni Awla, tat-Tielet Awla, tar-Raba' Awla u tal-Ħames Awla;
- It-tielet kawża li tintbagħat, b'deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, quddiem kulleġġ ġudikanti estiż kompost minn ħames Imħallfin tas-Sitt Awla, tas-Seba' Awla, tat-Tmien Awla, tad-Disa' Awla u tal-Għaxar Awla.

Meta l-Viċi President jippresjedi f'Awla kompost minn ħames Imħallfin, il-kulleġġ ġudikanti estiż għandu jkun kompost mill-Viċi President, mill-Imħallfin tal-kulleġġ ġudikanti kompost minn tliet Imħallfin li quddiemu tkun tressqet inizjalment il-kawża kif ukoll minn wieħed mill-Imħallfin l-oħra tal-Awla kkonċernata, iddeterminat abbażi tal-ordni invers stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura.

Kompożizzjoni tal-Awla Manja

(2022/C 398/07)

Matul il-Konferenza plenarja tat-23 ta' Settembru 2022, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għall-perijodu mit-23 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2025, u konformement mal-Artikolu 15(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-ħmistax-il Imħallf li jiffurmaw l-Awla Manja huma l-President tal-Qorti Ġenerali, il-Viċi President, żewġ Presidenti ta' Awla maħtura skont sistema ta' rotazzjoni, l-Imħallfin sedenti fil-kulleġġ ġudikanti bi tliet Imħallfin li quddiemu tkun tressqet inizjalment il-kawża u ż-żewġ Imħallfin meħtieġa sabiex jikkompletaw dan il-kulleġġ ġudikanti bi tliet Imħallfin li kieku l-kawża tkun ġiet assenjata lil awla komposta minn ħames Imħallfin, kif ukoll sitt Imħallfin maħtura skont sistema ta' rotazzjoni, minn fost l-Imħallfin kollha tal-Qorti Ġenerali bl-esklużjoni tal-Presidenti ta' Awla, billi jiġi segwit, b'mod alternat, l-ordni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura u l-ordni invers.

Metodu ta' ħatra ta' Mħallf li jissostitwixxi lil Imħallf impedit

(2022/C 398/08)

1. Matul il-konferenza plenarja tat-23 Settembru 2022, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, mit-23 ta' Settembru 2022, fil-każijiet ta' impediment imsemmija rispettivament fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24 (2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-President tal-Qorti Ġenerali għandu jissostitwixxi lill-Imħallf impedit.
 2. Jekk il-President tal-Qorti Ġenerali jkun impedit, dan għandu jaħtar lill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali biex jissostitwixxi, konformement mal-Artikolu 11(1) tar-Regoli tal-Proċedura.
 3. Jekk il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali jkun impedit, il-President tal-Qorti Ġenerali għandu jaħtar lill-Imħallf li għandu jissostitwixxi skont l-ordni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, bl-eċċezzjoni tal-Presidenti ta' Awla.
 4. Jekk l-Imħallf maħtur konformement mal-paragrafu 3 jkun impedit u l-kawża li fiha jiġi ddikjarat l-impediment tkun kawża tas-servizz pubbliku, kif iddefinit fid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2022 dwar il-kriterji ta' attribuzzjoni tal-kawżi lill-awli, jew kawża relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali msemmija fir-raba' titolu tar-Regoli tal-Proċedura, il-President tal-Qorti Ġenerali għandu jaħtar, skont l-ordni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, lil Imħallf assenjat lil Awla inkarigata mill-istess tip ta' kawżi bħal dik li jappartjeni għaliha l-Imħallf impedit biex jissostitwixxi lil dan tal-aħħar.
 5. Sabiex jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tal-volum ta' xogħol, il-President tal-Qorti Ġenerali jista' jidderoga mill-ordni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, kif imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni.
-